MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Rikors Numru. 2/2002/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Valletta Estate Agents Limited**

Il-Bord;

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art:

Illi s-socjeta intimata giet notifikata b'Avviz ghall-ftehim datat 30 t'Ottubru 2001 fejn giet infurmata li l-kumpens li l-Awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art fis-Swieqi, tal-kejl ta' madwar 92 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana u mill-Majjistral ma' Triq pubblika u mix-Xlokk ma' proprjeta ta' Joe Gauci u irjieh verjuri huwa ta' tliet elef lira Matlin (Lm3,000) kif jidher fir-rapport tal-Perit Godwin Drago A&CE tas-26 ta' Settembru 2000, li kopja tieghu Dok A hija annessa mal-istess Avviz ta' Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali datata 20 ta' Novembru 2001, is-socjeta intimata fost affarijiet iddikjarat li ma taccettax il-kumpens offert.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lis-socjeta' intimata biex titrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-art fuq imsemmija jiffissa l-kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88)."

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta' intimata, debitament notifikata b'dan ir-rikors, naqset milli tintavola risposta izda peremezz ta'ittra ufficjali tal-20 ta' Novembru 2001, l-istess socjeta' kienet opponiet l-offerta tal-Kummissarju tal-Art kwantu l-valur minnu offert;

Illi dan ir-rikors instemgha kontestwalment mar-rikors numru 3/2002 fl-istess ismijiet;

Illi l-Bord kien assistit fuq din il-materja mill-perit arkitett Godfrey Vella u l-perit arkitett Michael Refalo li fuq relazzjoni tal-istess, esebita u formanti parti minn din is-sentenza, ikkonkludew bil-mod segwenti:

Qed jigi prezenzjalment stmat li l-kumpens gust, partikolarment tenut kont illi l-art in kwistjoni hija fabrikabbli skond l-Ordinanza dwar l-Akkwsit ta' Artijiet u skond il-kejl ta' 92 metri kwadri kif ukoll il-konfigurazzjoni

ta’ l-art in kwistjoni, ghandu jkun ta’  ghaxart elef hames mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin (10,528).

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrent u jordna lis-socjeta intimata li titrasferixxi bhala libera u franka b’titolu ta’ xiri assolut , l-bicca art fis-Swieqi, tal-kejl ta’ madwar  92 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana u mill-Majjistral ma’ Triq pubblika u mix-Xlokk ma’ proprjeta ta’ Joe Gauci u irjieh  u dan bil-valur ta’ erba u ghoxrin elf hames mija u tlieta u ghoxrin Euro u erba’ u sittin  (Euro 24,523.64) oltre l-imghax legali.  Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli  bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fl-14  ta’ Jannar, 2009 fis-2.00 pm fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Richard Sladden LL.D. biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti.  L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------